# M I N U T I

## LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 53

23 t'Awwissu 2022

It-tlieta u ħamsin (53) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 23 t'Awwissu 2022 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

53.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

53.1.1. Is-Sindku VB qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera SSH li nformat li kienet ser tkun qed tattendi tard għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

53.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

53.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tat-tnejn u ħamsin (52) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

53.2.2. Il-Kunsilliera JP ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru 52.3.14.3 li għandha taqra "Il-Kunsillier JAE u l-Kunsilliera JP informaw li kienu ser jattendu b'mod virtwali".

53.2.3. Is-Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 52.3.1.2 u qal li kien prova jivverifika imma ma setax isib minn fejn jivverifika dan, u għalhekk minħabba li ma kellux il-provi mitluba, kien qed jirtira dak li qal fil-laqgħa preċedenti.

53.2.3.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-irwol tiegħu ta' e-councillor responsabbli mill-paġna ta' Facebook li kien ġie irtirat minħabba dak li ntqal fil-laqgħa preċedenti, u staqsa jekk dan l-irwol hux ser jerġa jiġi mogħti lura lilu. Is-Sindku wieġeb li l-irwol jista' jerġa jassumih u għalissa jista' jerġa' jiġi kollox kif kien qabel.

53.2.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, JP, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

53.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.2.4 dwar il-ħaxix ta' fuq is-sur u staqsa jekk kienx tlesta l-proċess kollu. Is-SE qal li jidher li x-xogħol kien għadu għaddej iżda wasal lejn l-aħħar fażijiet għax waslu kienu waslu saċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE kompla billi qal li tal-anqas l-ispiża tal-Kunsill kienet dik li jiġbor u jarmi l-ħaxix maqtugħ.

<u>**Nota: 14:08 Il-Kunsillier AD attenda għal-laqgħa.**</u>

53.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-pots ta' ħdejn il-knisja u qal li apparti li għadhom vojta, il-pots kienu tkissru

wkoll. Għalhekk il-Kunsillier JAE ppropona li dawn jinġabru mill-ħaddiema tal-Kunsill, u jsiru pots oħra li fihom ikollhom pjanti li jkunu diġà ntiżi fil-post.

53.2.6.1. Is-Sindku qal li suppost il-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill qiegħed jassigura li ssir it-tisqija neċessarja u li jieħu ħsieb il-pjanti li hemm madwar il-lokalità.

53.2.6.2. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara l-klawżoli tal-kuntratt sabiex jara d-drittijiet tal-Kunsill x'inhuma ġaladarba dan ix-xogħol jidher li ma kienx qed isir.

53.2.6.3. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jitgħallem minn dawn l-esperjenzi u ċertu klawżoli, jekk ma kienux inklużi, għandu jieħu ħsieb jinkludihom fil-kuntratti li jmiss.

53.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.2.6 u staqsa jekk hemmx ħaddiema biex jagħmlu x-xogħol fi Triq Vilhena. Is-SE qal li kien ikkuntattja lil xi ħadd mil-Works Department minħabba li l-ħaddiema tar-Reġjun jiġu mislufa lill-Kunsill għall-perjodu ta' xahar li jaf lanqas ikun biżżejjed biex jitlesta dan ix-xogħol.

53.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.2.7 dwar is-sinjal tal-isem tat-triq fi Triq Macerata u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li dan is-sinjal kien ġie ordnat.

53.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.2.8 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq is-sinjali tal-klieb fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE nforma li t-tabelli fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kienu saru flimkien ma' sett ta' tabelli ġodda hekk kif rakkomandat mill-MCAA, bħal ma huma tabelli tas-CCTV, tal-klieb, ir-regolamenti tal-playing area, eċċ. Is-SE qal li kienu saru wkoll żewġ tabelli li jindikaw li wieħed ikun ħiereġ mill-ġnien. Huwa temm billi qal li kien għad jonqos li jsiru tabelli tal-bandli maqsumin skont l-etajiet tat-tfal li jistgħu jużaw il-bandla partikolari.

53.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.2.9 rigward il-ħasil tat-toroq. Is-SE qal li s'issa saru żewġ ħasliet u kien għad jonqos li ssir ħasla oħra li kellha ssir nhar is-Sibt li ġej. Is-Sindku qal li kienu saru anke partijiet tal-loġoġ, fejn kien hemm min lest jgħin fl-isqueezing tal-ilma, minħabba li nkella jinżamm l-ilma.

53.2.11. Is-Sindku VB qal li d-drain fi Triq il-Miratur ġie għoli iżjed u għalhekk talab li l-ħaddiema tal-Kunsill jaraw jistgħux jinżel l'isfel sabiex l-ilma jkun jista' jaqleb sew għat-triq.

53.2.12. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.3.14.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-laqgħa mal-MTA dwar l attivitajiet li saru fuq il-fosos. Is-Sindku VB qal li l-Kunsill għandu jiltaqa' magħhom ukoll dwar l-edizzjoni li jmiss tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

53.2.13. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.5.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-kwistjoni tal-ħamiem. Is-Sindku wieġeb li l-laqgħa kienet għadha ma saritx.

53.2.14. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 52.5.2 u staqsa jekk il-Kunsill kellux informazzjoni dwar meta se jitlesta kompletament Ġnien il-Mall. Huwa semma wkoll gandott li kien hemm fl-art li hemm bżonn jiġi rranġat. Is-Sindku VB qal li kien qed isir

ħafna xogħol li dwaru l-Kunsill ma kienx qed ikun infurmat però suppost li saret parti kbira mix-xogħol.

53.2.15. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għat-talba li jsiru floodlights temporanji u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Il-Viċi Sindku AD qal li meta tkellem ma' rappreżentant, dan informah li ma kienx val la pena li jsiru minħabba li x-xogħol kien ser jitlesta dalwaqt.

## 53.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

53.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi nforma lill-Kunsill b'applikazzjoni pendenti minn sid ta' negozju fil-Floriana. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona.

53.3.2. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mingħand 2XL Software Solutions Ltd. sabiex il-Kunsill ikun jista' jaqleb għall-proċedura ta' SEPA Payments minflok ċekkijiet. Dan il-module jammonta għal €1233.10 li tinkludi l-ispejjeż tal-installazzjoni u l-liċenzja għal sena. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni.

53.3.3. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand residenta li talbet permess biex tieħu ħsieb tibdel il-purtiera tal-istatwa tal-Madonna fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini a spejjeż tagħha. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni ladarba jkun hemm konferma li l-istatwa mhijiex waħda privata.

53.3.4. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand l-AKL rigward il-magni tal-fliexken tal-plastik. Il-Kunsill iddiskuta xi postijiet alternattivi fejn ma jittieħdux spazji ta' parkeġġ u fl-istess waqt xorta jkunu f'postijiet ċentrali, bħalma huma: ħdejn il-masġar ta' John Lopez, ħdejn l-Annex Building, fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII u fi Pjazza Robert Samut wara l-brigata. Il-Kunsill qabel li għandu jinżel fil-post sabiex jara jekk is-siti msemmija jkunux alternattivi validi għal dak propost.

53.3.5. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand il-Vikings Club, li talbu li ssir tabella fejn hemm is-slip way. Is-SE qal li kien tkellem ma' Transport Malta li min-naħa tagħhom kienu bagħatu t-tabella li għandha titwaħħal però ma kienx hemm tweġiba fuq il-garaxxijiet ġaladarba ma setgħux isiru linji doppji quddiem il-garaxxijiet.

## 53.4 RAPPORTI

53.4.1. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li l-informazzjoni tal-kunsilliera kienet ġiet aġġornata u li l-app kellha tiġi aġġornata fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku VB staqsa għalfejn ir-ritratti tal-kunsilliera kienu bla kulur. Il-Kunsillier JAE qal li dan kien stil iżda r-ritratti setgħu isiru bil-kulur. Is-Sindku qal li jippreferi li r-ritratti jkunu bil-kulur.

## 53.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

53.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax jibda l-proċess tal-ftuħ tal-ispralli fit-toroq qabel ma jibda' l-maltemp. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien ġie nformat sabiex jibda' jsir it-tindif neċessarju.

53.5.2. Il-Kunsillier JAE qal li jidher li ser ikun hemm problema maġenb il-Kurja minħabba li hemm sprall li hu mgħotti u ieħor li hu miżdud kompletament.

<u>**Nota: 14:57 Il-Kunsilliera SSH attendiet għal-laqgħa.**</u>

53.5.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi korrispondenza mingħand l-Avukat rigward il-Fosos. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

53.5.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-mobile toilets ta' Taħt il-Forka u ppropona li dawn jibdew jitnaddfu iktar ta' spiss. Is-SE qal li dawn jitnaddfu kuljum u kien bagħat lill-kuntrattur li nformah li dawn jitnaddfu kuljum filgħaxija. Huwa qal li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu qed jinżlu kull filgħodu jiċċekkjaw li dawn tnaddfu biss jekk dawn jitħammġu mal-ġurnata ma kien hemm xejn x'wieħed jagħmel.

53.5.5. Il-Kunsillier JAE qal li kien hemm xi trab, ħmieġ u ġebel biswit Ġnien il-Mall fi Triq Sarria u staqsa jekk jistgħux jinġabru. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jikkuntattja lill-organizzaturi sabiex jinformaw lill-kuntratturi tagħhom.

53.5.6. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-bankijiet ta' quddiem id-Dar tal-Anzjani. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb jordna dawn il-bankijiet.

53.5.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill kienx tkellem mal-LESA jew mal-ERA dwar il-green wardens. Is-SE qal li jrid jikkonferma jekk l-ERA toffrix dan is-servizz.

53.5.8. Il-Kunsilliera SSH staqsiet dwar il-kwistjoni tal-ħamiem. Is-Sindku VB wieġeb li l-għada kien ser ikun hemm il-laqgħa tar-Reġjun Xlokk u għandu jieħu ħsieb jistaqsi jekk hemmx żviluppi fuq l-inizjattiva tal-AKL.

53.5.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal Triq Sant'Anna u nformat li għaddiet in-numru ta' persuna lill-amministrazzjoni. Is-SE qal li kien għadda d-dettalji lill-Community Police però ma kienx informat jekk kienx hemm xi żviluppi.

53.5.9.1. Is-Sindku qal li kien staqsa lil xi ħadd dwar it-tinda.

53.5.10. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal filmat li ttella' fuq il-midja soċjali ta' resident jarmi l-iskart.

53.5.10.1. Is-Sindku qal li kienu marru l-Pulizija jkellmu lill-persuna in kwistjoni u li kienu ħadu azzjoni.

53.5.10.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li kellhom jieħdu azzjoni l-kunsillieri kollha u mhux hi u s-sindku biss. Hija qalet li permezz ta' dan il-filmat, l-evidenza kienet ċara.

Hija qalet li meta jkun hemm każijiet hekk, ikun hemm bżonn li tinħataf l-opportunità sabiex mil-ewwel tittieħed azzjoni.

53.5.10.3. Is-SE qal li hu kien għadda l-post bil-filmat lill-Pulizija u kienu aċċertawh li ħadu azzjoni. Huwa qal li minn hemm 'il quddiem il-Kunsill ma jingħatax dettalji.

53.5.10.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet informata minn resident li joqgħod fl-akwati li nformaha li kien sar progress.

53.5.10.5. Is-SE qal li għalhekk huwa importanti li meta jittieħed ritratt jew filmat, tkun tidher it-triq sew ħalli wieħed ikun jista' jidentifika f'mod ċar il-post in kwistjoni. Huwa kompla billi qal li huwa importanti li l-kunsilliera jiċċaraw li l-infurzar ma kienx xogħol il-Kunsill u li l-Kunsill seta' biss jiġbed l-attenzjoni tal-entitajiet responsabbli.

53.5.11. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx wasal it-tarmac. Is-SE nformaha li għandu jasal nhar il-Ħamis.

53.5.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-mobile toilets ta' Taħt il-Forka u qalet li anke hi kienet ġibdet l-attenzjoni tas-SE u ssuġġerit li jittieħdu ritratti. Is-SE qal li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu qed jinżlu ta' kull filgħodu jiċċekkjaw jekk dawn tnaddfux.

53.5.13. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li l-Kunsill jerġa' jibgħat leaflet bl-informazzjoni bil-Malti u bl-Ingliż fuq kif u meta jinġabar l-iskart. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni minkejja li ma kienux ilhom li tqassmu l-leaflets.

## 53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

53.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 53.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

53.7.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 39/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

53.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 53.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAT-TIENI KWART TAS-SENA;

53.8.1. Is-SE ressaq ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena u ta spjega ħafifa ta' x'jinkludi dan ir-rapport.

53.8.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD, u issekondata minn Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AD, JP, VB, JAE, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 53.9 MOZZJONIJIET

<u>MOZZJONI 1</u>

*Nemmen li bħala Kunsill għandna nsostnu politika li tħares lil-lokalità tagħna. Qed inressaq din il-mozzjoni biex bħala Kunsill nitolbu laqgħa mal-Ministru responsabbli mill-Akkomodazzjoni Soċjali u oħra mal-Ministru responsabbli mill-Artijiet biex niddiskutu bis-sħiħ il-problema ta' riġenerazzjoni fil-Floriana. Preżentement għandna riċerka sostanzjali u liema bħalha li sfortunatament tinsab fuq l-ixkaffa, Riċerka u proposti mill-għaqdiet Furjaniżi u esperti oħra, li kienu mressqa fil-Forum tar-riġenerazzjoni. Bħala Kunsill għandna nippreżentaw din ir-riċerka u flimkien niddiskutu ma' dawk konċernati f'dan ir-rigward it-triq 'il quddiem biex is-sitwazzjoni fil-Floriana tittejjeb mill-aktar fis u ma tibqax tiddeterjora.*

*(Proponent – James Aaron Ellul, Minority Leader; Sekondant – Justine Palmier, Kunsillier)*

53.9.1. Il-Kunsillier JAE qal li kienet saret riċerka intensiva però llum il-ġurnata għadha fuq l-ixkaffa u mhux tintuża. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jiltaqa' mal-Ministri konċernati sabiex tiġi diskussa din ir-riċerka, il-proposti u t-triq 'il quddiem f'dan ir-rigward.

53.9.2. Is-Sindku VB qal li hu jaqbel fil-prinċipju u matul iż-żmien kien hemm diversi laqgħat mal-Ministri.

53.9.3. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jara x'għandu hu bħala Kunsill u x'riċerka jista' jakkwista. Huwa ppropona wkoll li lil-Kunsill jinvolvi lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ikun jista' jsir attentat biex jinstab tarf tal-bini abbandunat li jeżisti fil-lokalità.

53.9.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li għandu jiddiskuti mas-Segretarju tal-Forum sabiex jara x'riċerka teżisti u anke sabiex jara x'materjal hemm. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministru Galdes kif ukoll mal-Ministru Schembri sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti dan kollu kif ukoll jgħaddi is-suġġerimenti tiegħu.

## 53.10 ĠENNA TA' ĠONNA

53.10.1. Is-Sindku qal li l-edizzjoni li jmiss ta' din l-attività ser issir nhar id-9 t'Ottubru 2022. Huwa kompla billi qal li kienu bdew il-preparamenti għall-organizzazzjoni ta' din l-attività.

53.10.2. Is-SE qal li kienu ġew ikkuntattjati l-parteċipanti kollha li ħadu sehem fl-edizzjonijiet li għaddew.

53.10.3. Is-SE qal li kien hemm bżonn li jiġi deċiż il-ħinijiet li fihom se tittella' l-attività. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jikkunsidrax li l-attività tibda' mis-Sibt filgħaxija. Is-SE qal li lejliet l-attività kienet ser tittella' attività oħra minn kunsill ieħor u għalhekk dan ma setax isir.

53.10.4. Il-Kunsill iddiskuta diversi proposti u suġġerimenti inkluż ħinijiet differenti għall-attività. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa' b'mod informali sabiex jiddiskuti l-proposti differenti biex ikun hemm qbil fuq kif ser jimxi l-Kunsill.

53.10.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jkun hemm riklamar tajjeb minħabba li l-marketing kien importanti sabiex ikun hemm attendenza xierqa.

## 53.11 ATTIVITAJIET TAL-MILIED

53.11.1. Is-Sindku VB fetaħ il-materja billi qal li hemm skema eliġibbli għall-kunsilli lokali biex japplikaw għal attivitajiet tal-Milied.

53.11.2. Is-SE ta rendikont tal-proposti tiegħu li jinkludu attivitajiet imqassma fuq jumejn, u li jinkludu kant u kor fost oħrajn. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq l-applikazzjoni tiegħu.

53.11.3. F'każ li l-applikazzjoni ma tintlaqax, il-Kunsill qabel li għandu jillimita l-attivitajiet tiegħu għal banda li ddur fit-toroq.

53.11.4. Is-Sindku fakkar li fis-17 ta' Settembru kienet ser tiġi organizzata clean up day li għaliha kienu ngħataw fondi mir-Reġjun. Huwa qal li l-Kunsill kien informa wkoll lill-Community Police dwar dan.

## 53.12 RATI TA' ĦLAS GĦALL-UŻU TAL-ĠONNA DEVOLUTI LILL-KUNSILL;

53.12.1. Is-Sindku VB fetaħ il-materja billi qal li l-Kunsill kellu talba sabiex jiġi organizzat festin tat-tfal fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jiddiskuti t-tariffa li ser tintalab.

53.12.2. Is-SE spjega kif skont il-byelaw li għandu, il-Kunsill seta' jitlob sa massimu ta' €815, biss dan jiddependi min-natura tal-attività, u n-nies li ser jattendu.

53.12.3. Il-Kunsilliera SSH staqsiet dwar xi jsir mil-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V f'każijiet bħal dawn. Is-SE qal li fil-kuntratt tal-gabbana m'hemmx riferenza li ma tistax issir

attività li tinkludi l-ikel minkejja li l-kuntrattur kien qal mod ieħor. Huwa qal li l-gabbana ma tistax iżżomm milli ssir attività oħra biss l-attività ma kienitx ser issir fiż-żona tal-gabbana u għalhekk ma kellhiex ittellef l-operat tal-gabbana. Is-SE qal li minkejja dan, il-Kunsill jikri biss il-gabbana, u għalhekk ma jistax jingħad li ż-żona fejn qed jintramaw l-imwejjed u s-siġġijiet huma parti miż-żona li l-Kunsill jikri lill-kuntrattur.

53.12.4. Wara li kkunsidra n-natura tal-attività u l-attendenza, il-Kunsill qabel li għandha tintalab ir-rata tal-permess għal attività kif ukoll tas-set up tal-bouncy castle, bil-kundizzjoni li ż-żona tinżamm nadifa, li bl-ebda mod ma jingħalaq l-aċċess għall-pubbliku in ġenerali u li jekk se jiġi iġġenerat ammont sostanzjali ta' skart għandu jinġabar u jiġi dispost mill-applikanti.

## 53.13 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

53.13.1. Il-laqgħa intemmet fil-4.40pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2022 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 12 ta' Settembru 2022**

(iffirmati)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv